



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

Brussel, 17 ta' Diċembru 2005

15914/05

CONCL 3

NOTA TA' TIFSIR

minn: Presidenza

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW TA' BRUSSEL
15/16 TA' DIĊEMBRU 2005**

KONKLUŻJONIJIET TAL-PRESIDENZA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuzi l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussel (15/16 ta' Diċembru 2005).

1. Il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew kienet preċeduta minn spjega mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Josep Borrell, segwita bi skambju ta' fehmiet.
2. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza tal-valuri komuni Ewropej ta' solidarjetà, ġustizzja soċjali u sostenibbiltà bħala l-bażi għall-iżvilupp tal-politika ta' l-Unjoni. Dan huwa l-qafas li fih il-linji gwida stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet għandhom jitmexxew 'il quddiem.
3. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-appoġġ ta' l-UE għal sistema multilaterali effettiva bbażata fuq l-istat tad-dritt, u l-ħtieġa għal Nazzjonijiet Uniti mġhammra aħjar biex tilqa' l-isfidi tas-Seklu 21. Huwa jissottolinja l-impenn tiegħu għal implimentazzjoni minn kmieni u sħiħa tar-riformi u l-impenji miftiehma fis-Summit Dinji tan-NU ta' l-2005.

I. IL-FUTUR TA' L-EWROPA

4. Wara l-laqgħa Informali tal-Kapijiet ta' Stat jew Gvern f'Hampton Court, il-Kunsill Ewropew jinnota r-rapporti mill-President tal-Kummissjoni u s-Segretarju-Ġenerali/Rappreżentant Għoli u jaqbel li jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet taħt il-Presidenza Awstrijaka.
5. Il-Kunsill Ewropew jinnota r-rapport konġunt interim Renju Unit-Awstrija dwar id-dibattiti nazzjonali fuq il-futur ta' l-Ewropa li qed iseħħu fl-Istati Membri kollha, b'segwitu għad-Dikjarazzjoni mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2005 dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' jittratta l-kwistjoni fl-ewwel nofs ta' l-2006 taħt il-Presidenza Awstrijaka abbażi ta' ħidma ta' tħejjija fil-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota wkoll tad-diskussjoni li saret fil-konferenza "Kondiviżjoni tal-poter fl-Ewropa" organizzata fl-Aja mill-Presidenza u mill-Olanda flimkien fis-17 ta' Novembru 2005, u jinnota l-intenzjoni tal-Presidenza Awstrijaka li terġa' tittratta din il-kwistjoni.

II. PERSPETTIVI FINANZJARJI

6. Il-Kunsill Ewropew laħaq ftehim dwar il-Perspettiva Finanzjarja 2007-2013 kif imniżżel fid-dok. 15915/05.

III. L-AFRIKA

7. Il-Kunsill Ewropew jadotta l-istrateġija ta' l-UE "L-UE u l-Afrika: Lejn Sħubija Strateġika" kif issejthet fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju 2005 (dok. 15702/1/05 REV 1). Waqt li jibni fuq is-Summit tal-Kajr, huwa jenfasizza l-importanza ta' djalogu politiku msaħħaħ bejn l-UE-Afrika, inkluż li jinżamm Summit ieħor bejn l-UE/Afrika f'Lisbona kemm jista' jkun malajr, u jaqbel li jirrevedi regolarment, mill-2006, il-progress dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija, b'kont meħud tal-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2005.

IV. APPROĊĠ GLOBALI GĦALL-MIGRAZZJONI

8. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-importanza dejjem ikbar tal-kwistjonijiet tal-migrazzjoni għall-UE u l-Istati Membri tagħha u l-fatt li l-iżviluppi ta' dan l-aħħar wasslu għal tħassib pubbliku dejjem jikber f'xi Stati Membri. Huwa jissottolinja l-ħtieġa għal approċċ bilanċjat, globali u koerenti, li jkopri l-politika għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u, f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, l-utilizzazzjoni tal-benefiċċji tal-migrazzjoni legali. Ifakkar li l-kwistjonijiet dwar il-migrazzjoni huma element ċentrali tar-relazzjonijiet ta' l-UE ma' firxa wiesgħa ta' pajjiżi terzi, fosthom, partikolarment, ir-regġuni li huma ġirien ta' l-Unjoni, jiġifieri r-regġuni tal-lvant, tax-xlokk u tal-Mediterran, u jinnota l-importanza li tiġi żgurata l-allokazzjoni tal-livell xieraq ta' riżorsi finanzjarji għal din il-politika. L-UE ser issaħħaħ id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħha ma' daww il-pajjiżi kollha dwar il-kwistjonijiet tal-migrazzjoni, bl-inklużjoni tal-ġestjoni tar-ritorn, fi spirtu ta' sħubija u waqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi ta' kull pajjiż konċernat.

9. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-impenn ta' l-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-isforzi ta' żvilupp tal-pajjiżi ta' l-orijini u tat-transitu huwa parti minn proċess fit-tul ta' tweġiba għall-opportunitajiet u l-isfidi tal-migrazzjoni, kif deskritt fil-Programm ta' l-Aja. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza li jiġu ttrattati l-għeruq ta' dak li jikkawża l-migrazzjoni, per eżempju l-ħolqien ta' opportunitajiet ta' mezzi ta' għajxien u l-qerda tal-faqar fil-pajjiżi u r-reġjuni ta' l-orijini, il-ftuħ ta' swieq u l-promozzjoni ta' tkabbir ekonomiku, governanza tajba u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
10. Bħala parti minn dan il-proċess globali, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2005: Azzjonijiet Prijoritarji biex Iwieġbu għall-Isfidi tal-Migrazzjoni u jadotta l-"Approċċ globali għall-migrazzjoni: Azzjonijiet priyoritarji li jiffokaw fuq l-Afrika u l-Mediterran" annessi ma' dawn il-konklużjonijiet, li jkopru l-oqsma li ġejjin:
- jissaħħu l-kooperazzjoni u l-azzjoni bejn l-Istati Membri;
 - jatkattu d-djalogu u l-kooperazzjoni ma' l-istati Afrikani;
 - jatkattu d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien b'mod li jkopri r-reġjun kollu tal-Mediterran.
 - kif ukoll il-kwistjonijiet tal-finanzjament u l-implimentazzjoni.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura dwar il-progress miksub sa l-aħħar ta' l-2006.

V. IL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

11. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' tweġiba komprensiva u proporzjonata għat-theddida mit-terroriżmu. Il-Kunsill Ewropew jadotta l-Istrateġija ta' l-UE Kontra t-Terroriżmu (dok. 14469/4/05 REV 4) li jistabbilixxi qafas ta' ħidma għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu, għall-protezzjoni taċ-ċittadini u l-infrastruttura, għall-persegwiment u l-investigazzjoni tat-terroristi, u għat-titjib tar-rispons għall-konsegwenzi ta' l-attakki. Il-Kunsill Ewropew jinnota li l-Pjan ta' Azzjoni ta' UE Kontra t-Terroriżmu, l-istrument għall-verifika ta' l-implimentazzjoni, qed jiġi rivedut biex tiġi żgurata koerenza sħiħa ma' l-Istrateġija l-ġdida.

12. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-progress li sar rigward l-inkartamenti prijoritarji kif stabbiliti fir-rapport ta' kull sitt xhur tal-Koordinatur ta' Kontra t-Terroriżmu u jsejjaħ biex dan il-momentum jibqa' jinżamm. Il-Kunsill Ewropew ser jivverifika l-progress fl-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Kontra t-Terroriżmu fil-laqgħa tiegħu f'Ġunju 2006.

VI. ŻVILUPP SOSTENIBBLI

13. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-preżentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Strateġija ta' l-UE għall-Iżvilupp Sostenibbli mgħadda għall-5 snin li għejjin. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa li jadotta f'Ġunju 2006 strateġija ambizzjuża u komprensiva, li tinkludi miri, indikaturi u proċedura effettiva ta' monitoraġġ; li għandha tintegra d-dimensjonijiet interni u esterni u tkun ibbażata fuq viżjoni pożittiva fit-tul, tgħaqqad flimkien il-prijoritajiet u l-oġettivi tal-Komunità għall-iżvilupp sostenibbli fi strateġija ċara u koerenti li tista' tiġi kkomunikata liċ-ċittadini b'mod sempliċi u effettiv.

VII. IL-BIDLA FIL-KLIMA U L-ENERĠIJA SOSTENIBBLI

14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar tul l-2005 fl-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE fuq terminu medju u twil u fl-għoti ta' ħajja mill-ġdid lin-negozjati internazzjonali dwar il-bidla fil-klima, waqt li jfakkar il-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2005. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' r-risultat pożittiv tal-Konferenza dwar il-Bidla fil-Klima tan-NU f'Montreal, li tavanza l-ħidma fi ħdan il-Konvenzjoni Kwadru tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima, inkluża l-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kjoto u l-mekkaniżmi flessibbli tiegħu, u tagħti bidu għal diskussjonijiet dwar azzjoni kooperattiva fit-tul biex tiġi indirizzata l-bidla fil-klima li tgħin biex tiġi żgurata l-akbar kooperazzjoni possibbli mill-pajjiżi kollha u l-parteċipazzjoni tagħhom frispons internazzjonali effettiv u xieraq. Il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa li jiżviluppa aktar l-istrateġija ta' l-UE għall-perijodu medju u twil biex tikkontribwixxi għal dawn id-diskussjonijiet, u li jikkunsidra din l-istrateġija matul it-tieni nofs ta' l-2006, kif xieraq.

15. B'appoġġ għal din il-ħidma, il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza ta' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Gleneagles bl-enfasi qawwija tiegħu fuq it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kontroll ta' l-impatti tal-bidla fil-klima, waqt li jitmexxew 'il quddiem id-djalogu u l-kooperazzjoni teknoloġika miftiehma ma' l-Indja, iċ-Ċina u r-Russja, inkluż f'summits futuri, u li ssir ħidma għall-iżvilupp ta' sħubiji mal-pajjiżi kollha li l-aktar jikkunsmaw enerġija.
16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Tnaqqis ta' l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-klima", jirrikonoxxi li l-inklużjoni tas-settur ta' l-avjazzjoni fl-Iskema ta' l-UE għall-Iskambju ta' l-Emissjonijiet tidher li hi l-aħjar triq 'il quddiem, u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex tressaq proposta leġislattiva sa tmiem l-2006 flimkien ma' valutazzjoni ta' l-impatt li tinkludi l-analiżi speċifika mitluba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2005.
17. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' approċċ integrat għall-oġettivi tal-bidla fil-klima, l-enerġija u l-kompetittività, u jissottolinja li l-istrateġiji għall-investment f'enerġija aktar nadifa u sostenibbli kemm fl-UE kif ukoll b'mod aktar wiesa' jista' jsostni firxa ta' oġettivi ta' politika, fosthom is-sigurtà ta' l-enerġija, il-kompetittività, l-impjiegi, il-kwalità ta' l-arja u t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tnedija tat-tieni fażi tal-Programm Ewropew dwar il-Bidla fil-Klima u l-intenzjoni ta' Kummissjoni li tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija.

VIII. IT-TKABBIR U L-IMPJIEGI

18. Waqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill (ECOFIN) tas-6 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew jinnota li l-ekonomija dinjija qed tesperjenza perijodu ta' bidla ekonomika mgħaġġla u sinifikattiva u jaqbel li l-Ewropa teħtieġ riformi ekonomiċi u modernizzazzjoni soċjali u politika ambjentali sostenibbli biex tħares il-valuri tagħha u twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi u l-opportunitajiet tal-globalizzazzjoni u l-bidla demografika. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' l-innovazzjoni, it-Teknoloġija ta' l-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni, ir-riċerka u l-kapital uman, partikolarment fir-rigward ta' l-SMEs, biex jinkisbu aktar impjiegi, produttività u tkabbir sostenibbli fl-Unjoni Ewropea kollha, fil-kuntest ta' politika makro-ekonomika tajba.

19. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma ta' l-Istati Membri u l-Programm Komunitarju ta' Lisbona tal-Kummissjoni u jistenna bil-ħerqa r-rapport tal-progress ta' Jannar tal-Kummissjoni. Huwa jenfasizza l-importanza tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma biex tissaħħaħ il-governanza ġenerali ta' l-Istrateġija ta' Lisbona u jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jissorveljaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tagħhom skond il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2005.
20. B'kont dovut meħud tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-importanza li jiġi rispettat l-acquis communautaire, il-Kunsill Ewropew jenfasizza li titjib fil-qafas regolatorju fl-Unjoni Ewropea, fil-livell tal-Komunità u l-Istati Membri, hu essenzjali għall-kisba tat-tkabbir u l-impjiegi. Għandu jkun hemm enfasi fuq l-implimentazzjoni ta' l-impenji diġà meħuda mill-istituzzjonijiet kollha, inklużi d-disposizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-16 ta' Diċembru 2003. Abbażi ta' dak, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress sinifikattiv li sar wara l-aħħar laqgħa tiegħu u jaqbel dwar l-importanza ta' aktar ħidma kif hemm inniżżel fl-anness meħmuż li jkopri i) il-kejl u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq l-intrapriżi; ii) is-sistema riveduta ta' valutazzjoni ta' l-impatt u iii) metodoloġija komuni ta' l-UE għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi tal-leġislazzjoni.
21. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata, skond il-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2005, il-funzjonament xieraq tas-suq intern, inkluż għal servizzi. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-progress li sar dwar id-Direttiva tas-Servizzi u jistenna bil-ħerqa, bil-ħsieb ta' momentum sostenut, il-proposta emendata tal-Kummissjoni.

IX. RATI TA' VAT IMNAQQSA

22. Il-Kunsill Ewropew jagħmel sejħa lill-Kunsill ECOFIN biex jindirizza l-kwistjoni ta' rati mnaqqsa ta' VAT fil-laqgħa tiegħu ta' Jannar 2006 bil-ħsieb li jiffinalizza l-ftehim dwar il-kwistjoni.

X. DIK LI QABEL KIENET IR-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA

23. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għall-adeżjoni fl-UE. Huwa jilqa' l-progress sinifikattiv magħmul minn dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja biex tissodisfa l-kriterji politiċi stipulati mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenhaġen fl-1993 u l-ħtiġiet tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni stabbiliti mill-Kunsill fl-1997.
24. Fid-dawl ta' l-analiżi tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew jiddeċiedi li jagħti l-istatus ta' pajjiż kandidat lil dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, b'kont meħud, b'mod partikolari tal-progress sostanzjali li sar fit-tlestija tal-qafas legiſlattiv relatat mal-Ftehim Kwadru Ohrid, kif ukoll ir-riżultati passati tagħha fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (inklużi d-disposizzjonijiet tagħha relatati mal-kummerċ) mill-2001.
25. Il-Kunsill Ewropew jagħmilha ċara li passi ulterjuri se jkollhom jiġu kkunsidrati fid-dawl tad-dibattitu dwar l-istrategġija tat-tkabbir, kif previst mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2005; tal-konformità ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja mal-kriterji politiċi ta' Kopenhaġen; tal-ħtiġiet tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni; u tal-ħtieġa għal progress sinifikattiv ulterjuri biex tirrispondi għall-kwistjonijiet u l-kriterji l-oħra għal sħubija inklużi fl-Opinjoni tal-Kummissjoni u l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet fis-Sħubija Ewropea, abbażi ta' punti ta' referenza speċifiċi. Trid titqies ukoll il-kapaċità ta' assorbiment ta' l-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta dwar żviluppi f'rapporti ta' progress futuri.

XI. FOND INTERNAZZJONALI GĦALL-IRLANDA

26. Il-Kunsill Ewropew innota l-ħidma importanti mwettqa mill-Fond Internazzjonali għall-Irlanda fil-promozzjoni tal-paċi u r-ikonċiljazzjoni. Huwa talab lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa bil-ħsieb ta' appoġġ kontinwu ta' l-UE għall-Fond hekk kif jidħol fil-fażi finali kruċjali tal-ħidma tiegħu sa l-2010.

XII. RELAZZJONIJIET ESTERNI

27. Il-Kunsill Ewropew adotta dikjarazzjoni dwar il-Mediterran u l-Lvant Nofsani annessa ma' dawn il-konklużjonijiet.
28. Il-Kunsill Ewropew japprova r-rapport tal-Presidenza dwar il-PESD (dok. 15678/05), inkluż il-mandat għall-Presidenza l-ġdida.
29. Il-Kunsill Ewropew jadotta l-Istrateġija ta' l-UE għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċitu ta' armi żgħar u armamenti ħfief u l-munizzjon tagħhom (dok. 13066/05).
30. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew tal-"kunsens Ewropew dwar l-iżvilupp", li jipprovdi lill-Unjoni b'viżjoni komuni ta' valuri, objettivi, prinċipji u mezzi għall-iżvilupp (dok. 14820/05). Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-Kunsill se jagħmel valutazzjoni regolari, abbażi ta' rapport ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, tal-miri ta' volum ta' għajjuna miftiehma fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju 2005.
31. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Presidenza Awstrijaka li ġejja biex tkompli l-ħidma fit-tisħiħ ta' kooperazzjoni fil-qasam konsulari u tal-viża.

APPROĊĠ GLOBALI GĦALL-MIGRAZZJONI:
AZZJONIJIET PRIJORITARJI LI JIFFOKAW FUQ L-AFRIKA U L-MEDITERRAN

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2005, *Azzjonijiet ta' prijorità biex ikun hemm risposta għall-isfidi tal-migrazzjoni: l-ewwel segwitu għal Hampton Court.*

Il-Kunsill Ewropew, fid-dawl ta' l-isfond ta' l-Istrateġija għall-Afrika ta' l-UE u l-Istrateġija għad-dimensjoni esterna tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni, kif ukoll ta' l-avvenimenti riċenti fir-reġjun tal-Mediterran, jaqbel li jagħti bidu għal azzjonijiet ta' prijorità b'attenzjoni fuq l-Afrika u l-pajjiżi tal-Mediterran.

Il-Kunsill Ewropew jaqbel dwar il-ħtieġa urġenti fit-terminu qasir għal azzjonijiet konkreti f'diversi oqsma, li jiffurmaw parti mill-ħidma li għaddejja biex jiġi żgurat li l-migrazzjoni tkun għall-benefiċċju tal-pajjiżi kollha konċernati. Għandha tittieħed azzjoni biex jiġu mnaqqsa l-flussi migratorji illegali u t-telf tal-ħajjiet, jiġi żgurat ir-ritorn sigur ta' migranti illegali, jiġu msaħħa soluzzjonijiet deġġiema għar-refuġjati, u tinbena l-kapaċità għal ġestjoni aħjar tal-migrazzjoni, inkluż permezz tal-massimizzazzjoni tal-benefiċċji għas-sħab kollha tal-migrazzjoni legali, filwaqt li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt li individwu jfittex l-asil. L-azzjonijiet immedjati li jidhru hawn taħt jiffurmaw parti minn aġenda usa' għall-iżvilupp tar-relazzjoni ta' l-UE ma' l-Afrika u l-pajjiżi tal-Mediterran permezz ta' sħubija ġenwina. Il-Kunsill Ewropew jilqa' wkoll id-djalogu komplimentari u l-kooperazzjoni li qed iwettqu l-Istati Membri f'dan il-qasam.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll il-ħtieġa għal approċċ integrat u globali għal xi wħud mill-azzjonijiet ta' prijorità proposti, bħall-inizjattivi dwar ir-rotot migratorji u s-sigurtà fil-baħar, li jikkonċernaw kemm il-pajjiżi tal-Mediterran kif ukoll uħud minn dawk ta' l-Afrika.

Il-Kunsill Ewropew, fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, jendorsja l-azzjonijiet li ġejjin u jistieden lill-Kunsill u l-Istati Membri biex jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni biex jimplementaw dawn l-azzjonijiet tul l-2006.

Żieda fil-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri

- Sejħa lill-FRONTEx biex:
 - o timplimenta miżuri ta' ġestjoni tal-konfini fir-reġjun tal-Mediterran, b'mod partikolari operazzjonijiet konġunti u proġetti pilota, kemm jista' jkun kmieni fl-2006;
 - o tippreżenta rapport ta' Analiżi tar-Riskju dwar l-Afrika sa Mejju 2006, billi tibni fuq studji riċenti;
 - o tagħti bidu għal studju ta' fattibbiltà dwar it-tisħiħ tal-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-konfini marittimu tan-nofsinar ta' l-UE, jiġifieri fil-Baħar Mediterran, u dwar Rettikolat ta' Pattulji Kostali tal-Mediterran li jinvolvi l-Istati Membri ta' l-UE u l-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq, kmieni kemm jista' jkun fl-2006.
- Tiġi esplorata l-fattibbiltà teknika li tiġi stabbilita sistema ta' sorveljanza li tkopri l-konfini marittimi kollha tan-nofsinar ta' l-UE u tal-Baħar Mediterran sa l-aħħar ta' l-2006. Tali sistema tkun tuża t-teknoloġija moderna bil-għan li jiġu salvati l-ħajjiet fil-baħar u tiġi indirizzata l-immigrazzjoni illegali.
- Jiġu stabbiliti rettikolati reġjonali ta' Uffiċjali ta' Kollegament dwar l-Immigrazzjoni (ILOs) li jkunu jinvolvu pajjiżi jew reġjuni ta' prijorità kmieni kemm jista' jkun fl-2006, u jiġu ppreżentati rapporti dwar l-immigrazzjoni u t-traffikar illegali, bl-għajnuna fejn xieraq ta' l-ILOs fil-pajjiżi ewlenin, sa Mejju 2006.
- Titressaq 'il quddiem proposta għall-ħolqien ta' skwadri ta' reazzjoni rapida magħmula minn esperti nazzjonali kapaċi li jipprovdu assistenza teknika u operattiva rapida f'żminijiet meta jkun hemm influssi kbar ta' migranti, skond il-Programm ta' l-Aja, sar-Rebbiegħa 2006.
- Jiġi żgurat segwitu sostanzjali għar-rapport tal-Kummissjoni Globali dwar il-Migrazzjoni Internazzjonali, u jsiru tħejjijiet għad-Djalogu ta' Livell Għoli tan-NU dwar il-Migrazzjoni u l-Iżvilupp li ser jinbeda f'Settembru 2006.
- Tiġi ppreżentata analiżi dwar l-istrumenti internazzjonali li jeżistu dwar il-liġi tal-baħar, inklużi l-aspetti rilevanti tal-liġi dwar ir-refuġjati, sa Marzu 2006.

Djalogu u kooperazzjoni ma' l-Afrika

- Issir ħidma biex il-migrazzjoni ssir prijorità kondiviża għal djalogu politiku bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana, inkluż permezz ta' laqgħat regolari ta' uffiċjali anzjani biex isiru tħejjijiet għal diskussjonijiet tat-Trojka Ministerjali bejn l-UE u l-Afrika.
- Issir ħidma flimkien ma' pajjiżi u organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani, bħall-ECOWAS, permezz ta' sensiela ta' fora, inizjattivi u laqgħat reġjonali, inkluża Konferenza Ministerjali UE-Afrika fil-Marokk fl-2006 u konferenza dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp fi Brussel f'Marzu 2006.
- Tiġi esplorata l-fattibbiltà ta' inizjattiva dwar rotot migratorji għal kooperazzjoni operattiva bejn il-pajjiżi ta' l-orijini, tat-transitu u tad-destinazzjoni, bil-ħsieb li tiġi żviluppata inizjattiva konkreta fl-2006.
- Jiġi msaħħa id-djalogu sar-rebbiegħa 2006 ma' stati Afrikani importanti tas-sub-Saħara abbażi ta' l-Artikolu 13 tal-Ftehim ta' Kotonu, li jkun ikopri sensiela wiesgħa ta' kwistjonijiet minn bini ta' istituzzjonijiet u kapaċità u integrazzjoni effettiva ta' migranti legali sar-ritorn u l-implimentazzjoni effettiva ta' obbligi ta' riammissjoni, sabiex tiġi stabbilita kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku f'dan il-qasam.
- Jiġi stabbilit u implimentat Programm pilota ta' Protezzjoni Reġjonali (RPP) li jinvolti t-Tanzanija kmieni kemm jista' jkun fl-2006, bi grupp ta' tmexxija biex jissorvelja l-programm. Abbażi tas-sejbiet mill-pilota, jiġu żviluppati pjanijiet għal programmi ulterjuri fl-Afrika.
- Isir studju biex jittejjeb il-fehim tal-kawżi primarji tal-migrazzjoni li fuqu jkun ibbażat l-approċċ fit-tul.
- Jiġi żviluppat djalogu regolari ma' l-UNHCR kemm jista' jkun kmieni fl-2006, sabiex isir skambju ta' esperjenzi u kompetenzi dwar il-ħidma ma' pajjiżi fl-Afrika.

- Jingħata bidu għal inizzjattivi kmieni fl-2006 biex jiġu promossi servizzi ta' bgħit ta' flus orħos u disponibbli aktar faċilment, u jiġu appoġġati l-isforzi li għaddejjin bħal issa minn organizzazzjonijiet internazzjonali biex tittejjeb id-*data* dwar flussi ta' bgħit ta' flus; jiġi kkunsidrat appoġġ għal sforzi ta' stati Afrikani biex membri ta' dijaspori jkunu jistgħu jikkontribwixxu aktar faċilment għall-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, inkluż permezz ta' azzjonijiet ta' ko-żvilupp, u jiġu esplorati possibbiltajiet biex jitnaqqas l-impatt tat-telf ta' kapaċitajiet f'setturi vulnerabbli.
- Jiġu stabbiliti kampanji ta' informazzjoni li jindirizzaw migranti potenzjali biex jiġu enfasizzati r-riskji assoċjati mal-migrazzjoni illegali u jitqajjem l-għarfien dwar il-kanali legali għall-migrazzjoni li huma disponibbli.

Ħidma ma' pajjiżi ġirien

- Tinżamm laqgħa Ministerjali ta' l-EuroMed dwar il-migrazzjoni fl-2006.
- Jiġu involuti pajjiżi terzi Mediterranji fl-istudju ta' fattibbiltà ta' Rettikolat ta' Pattulji Kostali tal-Mediterran, sistema ta' sorveljanza tal-Mediterran u proġetti pilota relatati, fejn xieraq.
- Isiru disponibbli esperjenzi u l-aħjar Prattiki fejn xieraq minn strutturi oħra ta' kooperazzjoni, inkluż dawk relatati mal-Baħar Baltiku.
- Jintużaw l-oqsfa kollha disponibbli għall-kooperazzjoni mas-sħab Mediterranji, inkluż dawk imsemmija hawn isfel, biex jiġu pprevenuti u miġġielda l-migrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, tinbena l-kapaċità biex il-migrazzjoni tiġi ġestita aħjar, u jiġi esplorat kif ikun l-aħjar li tinqasam l-informazzjoni dwar il-migrazzjoni legali u l-oportunitajiet fis-suq tax-xogħol, per eżempju permezz ta' l-iżvilupp ta' profili ta' migrazzjoni u t-tiżiħ ta' fora sub-reġjonali.

- Jinbeda xogħol ta' prijorità mat-tliet pajjiżi li ġejjin:
 - o Il-Marokk - l-implimentazzjoni ta' proġetti għall-ġlieda kontra t-traffikar u l-konklużjoni tan-negożjati dwar il-ftehim ta' riammissjoni KE-Marokk kmieni kemm jista' jkun;
 - o L-Alġerija - iż-żamma ta' l-ewwel laqgħa kmieni fl-2006 biex tiġi avvanzata l-kooperazzjoni abbażi tad-disposizzjonijiet dwar il-migrazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Alġerija u jinbdew in-negożjati dwar il-ftehim ta' riammissjoni malajr kemm jista' jkun abbażi tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni;
 - o Il-Libja - il-konklużjoni tal-ħidma biex isir qbil fuq il-Pjan ta' Azzjoni UE-Libja dwar il-migrazzjoni kemm jista' jkun kmieni fl-2006, skond il-Konklużjonijiet tal-Knusill tat-3 ta' Ġunju 2005 dwar il-bidu ta' djalogu u kooperazzjoni mal-Libja dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni, u l-implimentazzjoni ta' proġetti malajr kemm jista' jkun wara dan.
- Tiġi intensifikata r-riċerka għal fehim u ġestjoni aħjar tal-flussi migratorji, b'bini fuq il-komponent ta' migrazzjoni tal-programm reġjonali JHA I MEDA.
- Tingħata għajjnuna biex jissaħħu r-rabtiet bejn il-pajjiżi ta' l-Afrika ta' fuq u dawk tas-sub-Saħara fil-qafas ta' l-inizjattiva possibbli dwar rottot migratorji.
- Jitkomplew id-djalogu u l-kooperazzjoni ma' l-UNHCR f'dak li għandu x'jaqsam ma' għajjnuna lil pajjiżi terzi biex jiżviluppaw il-kapaċità għall-protezzjoni tar-refuġjati.
- Tinżamm konferenza dwar *Ir-rwol tas-sigurtà interna fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ġirien tagħha* fi Vjenna f'Mejju 2006.

Finanzjament

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-prijorità miżjuda li qed tingħata lill-migrazzjoni u l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintensifika l-assistenza finanzjarja tagħha f'oqsma li jikkonċernaw jew li għandhom x'jaqsmu mal-migrazzjoni fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, inkluż b'allokazzjoni ta' massimu ta' 3% ta' l-ENPI, u sforzi komparabbli fir-rigward ta' strumenti finanzjarji rilevanti oħra. Sforzi ekwivalenti ser jiġu kkunsidrati b'mod partikolari fl-Afrika tas-Sub-Saħara, bil-ħsieb li jiġu ttrattati l-kawżi primarji tal-migrazzjoni.

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja wkoll l-importanza li jiġi żgurat li tingħata priyorità xierqa fi ħdan l-AENEAS lill-Afrika u lill-Mediterran għal azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati fl-2006, inklużi azzjonijiet li jippromovu sinerġiji bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp. Għandhom jiġu żgurati wkoll riżorsi xierqa għall-programm tematiku għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil taħt il-perspettivi finanzjarji li ġejjin b'kapaċità li tkun flessibbli biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu żborżati fondi malajr fil-każ ta' bżonn serju u urġenti.

Implimentazzjoni u rapportar

Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni rapida tal-miżuri ta' priyorità identifikati u jsejjaħ lill-Kummissjoni biex torganizza laqgħat ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-FRONTEx, l-UNHCR u organizzazzjonijiet oħra skond kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lura dwar il-progress miksub sa l-aħħar ta' l-2006.

REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR

Tnaqqis tal-piżijiet fuq l-intrapriżi u ċ-ċittadini permezz ta' simplifikazzjoni u eżami

Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-importanza li jitnaqqsu l-piżijiet mhux meħtieġa għall-intrapriżi u ċ-ċittadini. F'dan ir-rigward huwa jilqa' l-programm ġdid tal-Kummissjoni għas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-UE ¹, u jagħmel sejħa lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew biex jagħti prijorità kbira lill-progress tal-proposti ta' simplifikazzjoni permezz tas-sistema leġislattiva. Huwa jilqa' l-inizjattiva ta' eżami meħuda mill-Kummissjoni, jinnota r-riżultat u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli ssegwi l-proposti pendenti rigward l-impatti tagħhom, inklużi dawk ekonomiċi, soċjali u ambjentali, bil-ħsieb li jiġu modifikati, sostitwiti jew irtirati, fejn dan ikun meħtieġ.

Sistema riveduta ta' valutazzjoni ta' l-impatt

Il-Kunsill Ewropew jilqa' s-sistema riveduta ta' valutazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni ², inkluż l-impenn li jitħejjew valutazzjonijiet ta' l-impatt integrati għall-proposti leġislattivi ewlenin kollha u d-dokumenti li jiddefinixxu l-politika fil-programm ta' ħidma tagħha. Dawn il-valutazzjonijiet għandhom jinkludu l-esplorazzjoni ta' firxa ta' għażliet, bl-użu ta' analiżi settorjali fejn ikunu disponibbli, li jistgħu potenzjalment jilhqgħu l-oġettivi stabbiliti ta' proposta, inklużi għażliet mhux leġislattivi u aktar armonizzazzjoni, kif meħtieġ. Isejjaħ biex il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jagħmlu użu sħiħ tal-valutazzjonijiet ta' l-impatt tal-Kummissjoni bħala għodda ta' informazzjoni għat-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi u għall-implimentazzjoni ta' l-approċċ komuni interistituzzjonali għall-valutazzjoni ta' l-impatt. Jafferma mill-ġdid l-importanza tat-trasparenza fit-tfassil tal-politika u l-konsultazzjoni f'waqtha u effettiva tal-partijiet interessati u jistenna bil-ħerqa l-evalwazzjoni indipendenti komprensiva tas-sistema ta' valutazzjoni ta' l-impatt tal-Kummissjoni li ser tiġi mnedija kmieni fl-2006.

¹ Dok. 13976/05

² http://www.europa.eu.int/comm/secretariat_general/impact/index_en.htm

Metodoloġija komuni ta' l-UE għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġislazzjoni

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar metodoloġija komuni ta' l-UE għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġislazzjoni ³, u jistieden lill-Kummissjoni biex tibda tkejjel il-piżijiet amministrattivi, fuq bażi konsistenti u skond kriterji trasparenti, bħala parti mill-valutazzjonijiet ta' l-impatt integrati mibdija minn Jannar 2006. F'dan il-kuntest huwa jenfasizza l-kontribut importanti li din il-metodoloġija tista' tagħti fl-identifikazzjoni tal-leġislazzjoni li teħtieġ tiġi ssimplifikata u jistieden lill-Kummissjoni biex jesplora l-possibbiltajiet biex jiġu stabbiliti miri li jistgħu jitkejlu f'setturi speċifiċi għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Il-Kunsill Ewropew jagħraf l-importanza li l-Istati Membri jipprovdu, fuq talba u b'manjiera proporzjonata, l-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż amministrattivi imposti mil-leġislazzjoni ta' l-UE.

³ Dok. 13629/05

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

1. Il-Kunsill Ewropew iġedded l-impenn tiegħu għas-sigurtà, il-prosperità u l-paċi fil-Lvant Nofsani u l-Mediterran, ibbażat fuq ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi l-isfidi li jiffaċċaw il-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Mediterran. Huwa jhegġegħ lill-imsieħba kollha tiegħu biex isolvu t-tilwim tagħhom b'mod paċifiku, jirrinunzjaw it-theddid jew l-użu tal-forza, itemmu l-inċitament u jippromwovu s-sigurtà reġjonali. Huwa jħeġġiġhom jaderixxu u jikkonformaw mal-ftehim internazzjonali dwar in-non-proliferazzjoni, il-kontroll ta' l-armi u diżarm, u biex ifittxu li ż-żona tal-Lvant Nofsani tkun ħielsa mill-armi tal-qerda tal-massa u l-mezzi li bihom dawn jitwasslu. Huwa jħeġġiġhom jaffrontaw it-terroriżmu u n-*networks* tat-terror. L-UE hija impenjata li taħdem mal-pajjiżi kollha biex jittrattaw dawn l-isfidi.

L-Iran

3. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bla riżervi l-appell tal-President Ahmadinejad għall-qerda ta' l-Iżrael u ċ-ċaħda tiegħu ta' l-Olokawst. Dawn il-kummenti huma għal kollox inaċċettabbli u m'għandhomx post f'dibattitu politiku ċivilizzat. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li f'Novembru ta' din is-sena l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat b'kunsens, inkluż l-Iran, riżoluzzjoni li "tirrifjuta kull ċaħda ta' l-Olokawst bħala avveniment storiku kemm b'mod sħiħ jew parzjali" u thegġegħ lill-Istati Membri kollha biex jedukaw lill-popolazzjoni tagħhom dwar l-Olokawst. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid id-dritt ta' l-Istat ta' l-Iżrael li jeżisti fi ħdan fruntieri siguri u rikonoxxuti. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti impenjaw ruħhom biex iżommu lura mit-theddid jew l-użu tal-forza kontra l-integrità territorjali jew l-indipendenza politika ta' kwalunkwe Stat. L-UE tagħmel sejħa lit-tmexxija Iranjana biex tingħaqad mal-kunsens internazzjonali dwar il-ħtieġa ta' soluzzjoni ta' żewġ stati għall-konflitt Palestinjan-Iżraelit għall-appoġġ tal-paċi bejn l-Iżrael u l-ġirien tiegħu u biex ittemm l-appoġġ għal gruppi li jikkellmu favur jew iwettqu atti ta' terroriżmu.

4. Il-Kunsill Ewropew huwa serjament imħasseb bin-nuqqas ta' l-Iran li jibni fiduċja li l-programm nukleari tiegħu hu esklużivament paċifiku. It-tkomplija mill-ġdid ta' attività fil-Faċilità ta' Konverżjoni ta' l-Uranju f'Esfahan, in-nuqqas kontinwu ta' trasparenza ta' dan u r-rifjut li jittieħdu l-passi meħtieġa minnu f'Riżoluzzjonijiet suċċessivi tal-Bord ta' l-IAEA jservu biss biex iżidu t-tħassib qawwi ta' l-UE dwar l-intenzjonijiet ta' l-Iran. Filwaqt li l-UE tkompli taħdem għal soluzzjoni diplomatika, it-tieqa ta' opportunità mhijiex ser tibqa' miftuħa indefinitivament u l-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Iran biex iwieġeb b'mod kostruttiv, inkluż permezz ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha li jibnu kunfidenza li l-Bord ta' l-IAEA fittex u li ma' jittieħdux passi unilaterali ulterjuri li jistgħu jaggravaw is-sitwazzjoni.

5. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja li jekk ir-relazzjoni fit-tul ta' l-UE ma' l-Iran titjiebx jew tihżienx se jiddependi fuq il-progress dwar il-kwistjonijiet kollha ta' tħassib. Minħabba l-passi politiċi provokatorji mill-Iran sa minn Mejju li għadda, il-Kunsill jaqbel dwar il-ħtieġa li l-alternattivi diplomatiċi ta' l-UE jinżammu taħt reviżjoni stretta u jkomplu jiddeterminaw l-approċċ ta' l-UE fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet u l-azzjonijiet Iranjani. Il-Kunsill Ewropew itenni t-tħassib qawwi tiegħu rigward in-nuqqas ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet politiċi fundamentali fl-Iran, u jagħmel sejħa lill-Iran biex juri rispett għal dawn il-prinċipji billi jieħu passi konkreti, inkluż billi jeħles b'mod permanenti lil Akbar Ganji u lil prigionieri oħra tal-kuxjenza. Fl-ispirtu ta' solidarjetà ta' l-UE, huwa jagħmel sejħa lill-Iran biex ineħħi r-restrizzjonijiet diskriminatorji kollha kontra Stati Membri individwali.

L-Iraq

6. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ kontinwu ta' l-UE għat-transizzjoni politika ta' l-Iraq f'konformità ma' l-UNSCRs 1546 u 1637 u l-impenn tagħha biex tassisti l-poplu ta' l-Iraq biex jibni Iraq sigur, stabbli, unifikat u prosperu. Huwa jilqa' bil-ħerqa l-elezzjonijiet tal-15 ta' Diċembru bħala pass ulterjuri lejn id-demokrazija u l-istabbiltà fl-Iraq, u jinkoraġġixxi l-formazzjoni rapida ta' gvern ġdid wara dan. Il-Kunsill Ewropew jirrikonoxxi li għad hemm diviżjonijiet fl-Iraq. Huwa jagħmel sejħa lill-partijiet kollha fl-Iraq biex jimpenjaw ruħhom għal attivitajiet esklużivament paċifiċi, u biex jaħdmu b'mod attiv lejn ir-rikonċiljazzjoni. Huwa jikkundanna bil-qawwa kollha l-atroċitajiet terroristiċi. L-Unjoni Ewropea hija lesta tappoġġa l-poplu ta' l-Iraq biex ikabbar ulterjorment il-kunsens dwar il-futur ta' pajjiżu, inkluż permezz ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni, u tkompli fil-bini ta' sistema politika ġdida u inklużiva post-Saddam. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-laqgħa dwar l-Iraq organizzata mil-Lega Għarbija fid-19 u l-21 ta' Novembru u jappoġġa t-tlaqqiġ ta' konferenza dwar qbil nazzjonali kmieni fl-2006. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ bil-qawwi lill-istati reġjonali, b'mod partikolari s-Sirja u l-Iran, biex jappoġġaw il-proċess politiku fl-Iraq u jiżviluppaw relazzjonijiet tajba mal-ġirien, inkluż billi jikkooperaw ma' l-Iraq biex jiġi evitat it-transitu trans-konfini u l-appoġġ għat-terroristi.
7. Il-Kunsill Ewropew itenni l-impenn tiegħu li jappoġġa r-rikostruzzjoni ta' l-Iraq, inkluż permezz tal-missjoni ta' l-UE għall-Istat tad-Dritt. Il-Kunsill Ewropew jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti reċenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' l-Iraq biex jindirizzawhom b'mod urġenti u trasparenti. Huwa jissottolinja l-oppożizzjoni qawwija ta' l-UE għall-użu tal-piena tal-mewt. Huwa jibqa' impenjat għal djalogu politiku regolari ma' l-Iraq taħt id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta UE-Iraq. L-UE tittama li tkabbar u ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha ma' l-Iraq ulterjorment ladarba l-gvern elett b'mod kostituzzjonali jiġi stabbilit, inkluż permezz tat-twaqqif ta' relazzjonijiet kuntrattwali.

Il-Libanu

8. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tiegħu għall-għaqda, l-istabbiltà u l-indipendenza tal-Libanu, u jfakkar lill-ġirien tiegħu dwar l-obbligi tagħhom li jirrispettaw is-sovranià tal-Libanu. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-assassinju ta' Gibran Tuani u l-qtil tal-persuni li kienu qed jivvjaġġaw miegħu. Dan il-qtil huwa l-aħħar f'kampanja qalila kontra ċittadini, ġurnalisti u mexxejja politiċi Lebaniżi u d-dritt tagħhom għal-libertà ta' l-espressjoni. Il-Kunsill Ewropew jinnota wkoll bi tħassib kbir il-konklużjonijiet tat-tieni rapport tal-Kummissjoni ta' Investigazzjoni Indipendenti Internazzjonali tan-NU (UNIIC) taħt is-Sur Detlev Mehlis. Huwa jinnota l-konferma ta' indikazzjonijiet serji ta' l-involviment tas-servizzi tas-sigurtà Lebaniżi u Sirjani fl-assassinju ta' Rafiq Hariri, u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kooperazzjoni mhux kompluta pprovduta mill-awtoritajiet Sirjani lill-Kummissjoni. Huwa jħeġġeġ lis-Sirja biex tikkooopera b'mod inkondizzjonat ma' l-UNIIC hekk kif ikomplu l-isforzi tagħhom biex iressqu lil dawk responsabbli għall-assassinju ta' Rafiq Hariri quddiem il-ġustizzja. Huwa jilqa' l-adozzjoni unanima ta' l-UNSCR 1644 tal-15 ta' Diċembru li testendi l-mandat ta' l-UNIIC; jawtorizza lill-UNIIC biex tipprovidi assistenza teknika lill-Awtoritajiet Lebaniżi fl-investigazzjonijiet tagħhom dwar attakki terroristiċi oħra mwettqa fil-Libanu mill-1 ta' Ottubru 2004; u jirrikonoxxi t-talba tal-Gvern Lebaniż li dawk akkużati b'involviment fl-assassinju ta' Rafiq Hariri għandhom jitressqu quddiem tribunal ta' karattru internazzjonali.
9. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-Gvern tal-Libanu u jinkoraġġih biex jestendi l-awtorità tiegħu fil-pajjiż kollu u biex jitrattta urġentement riformi ekonomiċi u politiċi kif miftiehem fil-laqgħa tal-Core Group li saret fi New York f'Settembru li għadda. Huwa jilqa' l-konferenza internazzjonali li se ssir kmieni fl-2006. Ifakkar lil dawk kollha konċernati dwar l-obbligu tagħhom biex li jimplimentaw l-UNSCR 1559 fl-intier tagħha, inkluż l-iżbandament u d-diżarm tal-milizzji kollha.

Il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani

10. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Roadmap tal-Kwartett. Huwa jilqa' d-diżimpenn ta' l-Iżrael minn Gaża u minn partijiet tax-Xatt tal-Punent bħala pass sinifikattiv lejn l-implimentazzjoni tar-Roadmap. Il-bidu tal-Missjoni ta' Assistenza ta' l-UE fuq il-Fruntieri għall-monitoraġġ ta' l-operazzjoni tal-qsim ta' Rafah u l-assistenza ta' l-UE għar-rinfurzar tal-kapaċitajiet ta' maniġġar tal-fruntieri Palestinjani jirrifletti l-impenn qawwi ta' l-UE biex tappoġġa lill-partijiet waqt il-ħidma tagħhom għal soluzzjoni dejjiema u negozjata. Huwa jsejjaħ għall-implimentazzjoni rapida ta' l-aspetti kollha tal-ftehim tal-15 ta' Novembru dwar il-moviment u l-aċċess. Huwa jfaħħar l-isforzi tal-Mibgħut Speċjali tal-Kwartett u jissottolinja l-importanza ta' impenn internazzjonali kontinwu fil-Proċess ta' Paċi.
11. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza li l-fazzjonijiet Palestinjani kollha, inkluż il-Hamas, għandhom jirrinunzjaw il-vjolenza, jirrikonossu d-dritt ta' l-Iżrael li jeżisti, u jiddiżarmaw ruħhom. Dawk li jridu jagħmlu parti mill-proċess politiku m'għandhomx jinvolvu ruħhom f'attivitajiet armati, billi hemm kontradizzjoni fundamentali bejn tali attivitajiet u l-bini ta' stat demokratiku. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' d-dikjarazzjonijiet ta' l-Awtorità Palestinjana li jikkundannaw il-vjolenza u jhegħgu lill-gruppi li kienu attivi fit-terroriżmu biex jabbandunaw din it-triq u jimpenjaw ruħhom fil-proċess demokratiku. Huwa jhegħgeġ lill-Awtorità Palestinjana biex tiegħu azzjoni soda kontra dawk li jwettqu atti ta' vjolenza jew ta' intimidazzjoni u tassumi kontroll sħiħ tas-sigurtà fiż-żoni taħt l-awtorità tagħha. L-UE tibqa' impenjata biex tappoġġa r-riformi Palestinjani u ssaħħaħ il-forzi ta' sigurtà Palestinjani u l-kapaċità tal-pulizija ċivili, inkluż permezz tal-Missjoni Ċivili tal-Pulizija ta' l-UE u l-ħidma mal-Koordinatur tas-Sigurtà ta' l-Istati Uniti.
12. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-importanza ta' l-elezzjonijiet għall-Kunsill Leġislattiv Palestinjan previsti għal Jannar 2006. Huwa jhegħgeġ lill-Iżrael biex jikkoopera bis-sħiħ ma' l-Awtorità Palestinjana fuq il-preparazzjoni u t-tmexxija ta' l-elezzjonijiet, speċjalment rigward il-libertà ta' moviment għall-kandidati, il-ħaddiema fl-elezzjonijiet u l-votanti kollha, b'mod partikolari f'Ġerusalemm tal-Lvant, u jilqa' l-bidu tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali ta' l-UE.

13. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-gvern Iżraeljan biex iwaqqaf l-attivitajiet kollha fit-Territorji Palestinjani li jmorru kontra l-liġi internazzjonali, inkluż il-bini ta' insedjamenti, id-demolizzjoni ta' djar Palestinjani u l-kostruzzjoni tal-barriera ta' separazzjoni fuq art okkupata. Dawn jheddu li jagħmlu kwalunkwe soluzzjoni bbażata fuq il-koeżistenza ta' żewġ stati vijabbli fiżikament impossibbli. L-attivitajiet Iżraeljani ġewwa u madwar Ġerusalemm tal-Lvant joħolqu tħassib partikolari, speċjalment fir-rigward ta' l-ilħuq ta' ftehim għal soluzzjoni finali dwar Ġerusalemm.

Stabbiltà Reġjonali

14. Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ lill-istati kollha konċernati biex jieħdu miżuri prattiċi immedjati biex jappoġġaw l-istabbiltà reġjonali. Din tinkludi appoġġ għat-tfittxija tal-paċi bejn l-Iżrael u l-ġirien tagħha, il-proċess politiku inklussiv fl-Iraq u l-implimentazzjoni ta' l-UNSCR 1559 u Riżoluzzjonijiet rilevanti oħra fil-Libanu, u billi jinġiebu fit-tmiem l-appoġġ għal gruppi li jużaw il-vjolenza, billi jiġu evitati l-moviment, l-organizzazzjoni u l-provvista t'armi tagħhom, u billi dawn jiġu influwenzati biex jastjenu mit-terroriżmu.

Riforma Politika, Soċjali u Ekonomika

15. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-impenn tiegħu li jappoġġa riforma politika, soċjali u ekonomika. Huwa jenfasizza l-importanza li jagħti lill-implimentazzjoni sħiħa tas-Sħubija Strateġika ta' l-UE mal-Mediterran u l-Lvant Nofsani u l-impenn tiegħu għal ħidma mal-pajjiżi kollha tar-reġjun inklużi l-pajjiżi tal-GCC, il-Jemen, l-Iran u l-Iraq.

Il-Proċess ta' Barċellona

16. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li l-Proċess ta' Barċellona, imsaħħaħ permezz tal-Politika Ewropea dwar il-Pajjiżi Ġirien, jipprovdi l-qafas ċentrali għal relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Mediterran. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika tal-Ġirien Ewropej li ġew konklużi ma' l-Iżrael, il-Marokk, il-Ġordan, l-Awtorità Palestinjana u t-Tuneżija; jinnota l-bidu ta' negozjati ma' l-Eġittu u l-konsultazzjonijiet preliminari mal-Libanu; u jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal rapport nazzjonali dwar l-Alġerija bil-ħsieb li tinnegozja pjan ta' azzjoni.

17. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-10 Anniversarju tas-Summit ta' l-Euromed f'Barċellona fis-27-28 ta' Novembru, li adotta Programm ta' Ħidma ta' Ħames Snin miftiehem b'mod konġunt u Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu. Il-Programm ta' Ħidma ta' Ħames Snin fih miri għall-perijodu medju fil-qasam tas-sħubija politika u ta' sigurtà; tkabbir ekonomiku u riformi sostenibbli; edukazzjoni u skambji soċjo-kulturali; u migrazzjoni, integrazzjoni soċjali, ġustizzja u sigurtà. Huwa jirrakkomanda li kull Presidenza, wara li tikkonsulta mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, tippreżenta rapport lill-Kunsill fejn tagħti d-dettalji tal-pjanijiet tagħhom biex jiġi implimentat il-Programm ta' Ħidma u jistieden lill-Kummissjoni biex taġġorna lill-Kunsill perjodikament dwar l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu jirrappreżenta avvanz sinifikanti fil-kooperazzjoni politika u ta' sigurtà tagħna ma' msieħba Mediterranji.

Il-Libja

18. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-progress fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet ta' l-UE mal-Libja, waqt li jħeġġeġ sforz kontinwu biex jiġu solvuti t-tħassib ta' l-UE u l-kwistjonijiet bilaterali oħra ppendenti. Huwa jfakkar fix-xewqa ta' l-UE li tara l-Libja ssir membru sħiħ tal-Proċess ta' Barċellona, li fih il-Libja jista' jkollha rwol importanti. Il-parteeċipazzjoni fil-Proċess, u l-progress sussegwenti lejn il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Assoċjazzjoni, ikunu jeħtieġu li l-Libja taċċetta d-Dikjarazzjoni u l-acquis ta' Barċellona b'mod sħiħ.
